MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1509/2002

**Five Effs Import Company Limited**

**Vs**

**Suffolk Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm721.35c (seba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet li l-ammont m'huwiex dovut fl-intier tieghu u dan stante li "l-attur qabel u ftiehem mal-konvenut li jnaqqas mill-ammont pretiz somom dovuti mis-socjeta' attrici lil socjetajiet tal-grupp tal-konvenuti".

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Fix-xhieda tieghu Ronald Galea ghas-socjeta' attrici cahad li s-socjeta' attrici kellha taghti xi ammonti lil Boxit Limited u lil Town Properties Limited.

Fix-xhieda tieghu ghas-socjeta' konvenuta Norman Spiteri qal li s-socjeta' konvenuta hija lesta li thallas Lm525.86c (hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) in konnessjoni ma' xiri ta' merkanzija li ghamlet is-socjeta' konvenuta.

Illi Norman Spiteri qal: "Jiena qed nippretendi li Suffolk Limited ma ghandhiex thallas peress li Five Effs Import Co. Ltd. kienet ghamlet hsara fil-propjeta' ta' Town Properties Limited".

Il-pretensjoni ta' Town Properties Limited hi rrilevanti f'dawn il-proceduri.
Illi Norman Spiteri ma qalx, kif jintqal fir-risposta tas-socjeta' konvenuta li kienet saret ftehim li s-socjeta' konvenuta kellha d-dritt tnaqqas l-ammont li kellha tiehu Town Properties Limited mill-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant billi jirrizulta li l-ammont huwa dovut u ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet li s-socjeta' attrici kellha tirriduci l-ammont, jichad ir-risposta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm721.35c (seba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu) bl-imghax kummercjali mit-3 t'Ottubru, 2000 u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------